**Nru. 19**

## AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)

### Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali

Bi qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima ta-Impatt fuq l-Ambjent (L.S. 549.46) fir-rigward tal-applikazzjoni msemmija hawn taħt, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li tirriżulta f'impatti ambjentali li jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv fl-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali. Għalhekk, id-Direttur jaqbel li l-proposta ma teħtiġx Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali (EPS). Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi ambjentali li huma speċifikati fil-kundizzjonijiet tal-proġett propost.

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' Dikjarazzjoni dwar l-Ippjanar Ambjentali mhux ser iżżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni, skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Numru ta' Riferenza: | PA 03218/16 (EA 00022/16) |
| Post: | Sit 'il barra mill-Bajja tax-Xlendi, ix-Xlendi, il-Munxar, Għawdex |

Proposta: Biex titqiegħed baga tal-irmiġġ għall-vapuri kbar

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS). Il-PDS flimkien mal-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambejntali ġew sottomessi lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fl-14 ta' Novembru, 2016.

**No. 19**

## ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY

### Notification of Exemption from Environmental Planning Statement

In conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations, 2007 (S.L. 549.46) with respect to the application mentioned hereunder, the Environment and Resources Authority has determined that the proposal is unlikely to result in environmental impacts that can be effectively addressed in an Environmental Impact Assessment. Therefore, the Director agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS). This is without prejudice to the environmental obligations being specified in the proposed project conditions.

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application, from the information presented in the Project Description Statement (PDS) and screening according to Schedule IB of the same Regulations.

A detailed justification is presented below:

| | |
|---|---|
| Reference Number: | PA 03218/16 (EA 00022/16) |
| Location: | Site at, Offshore, Bajja tax-Xlendi, Xlendi, Munxar, Gozo |

Proposal: To place a mooring buoy for large vessels

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS). The PDS together with the justification for the exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) were submitted to the Environment and Resources Authority on the 14th November, 2016.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżura biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| L-impatt fuq qiegħ il-baħar u l-ekoloġija tiegħu | L-impatt fuq qiegħ il-baħar huwa minimu minħabba li li s-sistema proposta tal-ankraġġ tilħaq fond ta' 160m u iżjed. Dan hu meqjus bħala fond wisq għal speċi/*habitats* li jiddependu fuq id-dawl. Stħarriġ ġeofiżiku kkonferma li qiegħ il-baħar huwa magħmul minn blat miksi b'saff irqiq ta' tajn jew *sediment*. |
| *Impact on the seabed and its ecology* | *The impact on the seabed is minimal because the proposed anchor system reaches a depth of 160m and beyond. This is considered too deep for light dependent species/habitats. A geophysical survey confirmed that the seabed consists of rock covered with a thin layer of mud or sediment.* |

| | |
|---|---|
| L-impatti ta' storbju u dawl fuq avifawna | Storbju u dawl jista' jfixkel l-għasafar tal-baħar (*Calonectris diomedea* u *Puffinus yelkouan*) matul l-istaġun tat-tgħammir, li jista' jwassal biex jitilqu l-kolonja. F'dan ir-rigward qed jiġi rrakkomandat li simili għall-kundizzjonijiet komunikati f'Avviż lill-Baħħara 2 tal-2010, Transport Malta jobbligaw lill-vapuri biex ma jitħalla l-ebda dawl (ħlief għar-rekwiżiti bażiċi ta' sigurtà) u emissjonijiet ta' storbju sagħtejn qabel inżul ix-xemx u sagħtejn wara s-sebħ. Storbju mal-wasla u t-tluq tal-vapuri tal-*cruises* mhux se jitħallew sagħtejn qabel u wara nżul u tlugħ ix-xemx, rispettivament. Dawl mhux permess ħlief għar-rekwiżiti bażiċi ta' sigurtà. |
| *Noise and light impacts on avifauna* | *Noise and light pollution may disturb the seabirds (Calonectris diomedea and Puffinus yelkouan) during their breeding season, causing them to desert the colony. In this regard it is being recommended that similar to conditions communicated in Notice to Mariners 2 of 2010, Transport Malta oblige the vessel to no light (except for the basic safety requirements) and noise emissions at two hours before sunset and at two hours after sunrise. Noise signalling arrival and departure of cruise ships will not be allowed two hours before and after sunset and sunrise, respectively. Lighting is not allowed except for the basic safety requirements.* |
| Maniġġjar tal-iskart | Huwa nnutat li l-iskart solidu u likwidu tal-vapur mhux se jintrema fil-Bajja tax-Xlendi. Għandu jkun żgurat li t-turisti fuq il-*cruise-liner* ma jarmux l-iskart fil-baħar matul it-trasferiment lejn/minn l-art. Barra minn hekk, l-immaniġġjar tal-skart waqt l-operat huwa mistenni li jkun konformi mar-rekwiżiti tar-regolamenti relevanti tal-iskart. |
| *Waste management* | *It is noted that the vessel's solid and liquid waste will not be disposed of at il-Bajja tax-Xlendi. It is to be ensured that tourists on the cruise-liner do not dispose of waste into the sea during transfer to/from landing. Furthermore, waste operations are expected to be in accordance with the requirements of the relevant waste regulations.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi żżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tinforma l-proċess tad-deċiżjoni.

Is-6 ta' Jannar, 2017

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to inform the decision making process.

6th January, 2017

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 1**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala *tow zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

**Il-Belt Valletta**

Bejn nhar il-Ħadd, it-22 ta' Jannar, 2017, mill-5.00 p.m. u s-Sibt, 28 ta' Jannar, 2017, il-ġurnata kollha minn Triq ir-Repubblika bejn Triq l-Arċisqof u Triq San Duminku, Triq l-Arċisqof bejn Triq San Pawl u Triq l-Ifran, Triq it-Teatru l-Antik bejn Triq San Pawl u Triq l-Ifran, Triq l-Ifran bejn Triq it-Teatru l-Antik u Triq San Bastjan, Triq il-Mediterran bejn Triq San Nikola u l-Fosos ta' Sant'Iermu (quddiem Dar il-Mediterran għall-Konferenzi), il-Pjazza tal-Evans, il-Fosos ta' Sant'Iermu

POLICE NOTICE

**No. 1**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

**Valletta**

Between Sunday, 22nd January, 2017 from 5.00 p.m. and Saturday, 28th January, 2017, all day through Triq ir-Repubblika between Triq l-Arcisqof and Triq San Duminku, Triq l-Arċisqof between Triq San Pawl and Triq l-Ifran, Triq it-Teatru l-Antik between Triq San Pawl and Triq l-Ifran, Triq l-Ifran between Triq it-Teatru l-Antik and Triq San Bastjan, Triq il-Mediterran between Triq San Nikola and St Elmo Granaries (in front of Mediterranean Conference Centre), Evans Square, St Elmo